29




6 Patras u Thiva

15 L-Apokalissi (5)

23 Is-Sejħa tal-Profeta Isaija

29 Il-Vanġeli tat-Tfulija –
Il-Ġrajja ta' l-Inkarnazzjoni

35 Il-Ħabib tal-Għarus: Ġwanni l-Battista

42 Il-Festa ta' Ħannukâh




35

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## IL-FRANĠISKANI TAL-KUSTODJA FIL-LIBANU

Ilna aktar minn sena naraw xeni ta' qerda u vjolenza fl-iStrixxa ta' Gaża, b'aktar minn miljun u nofs persuni li sfaw sfullati u kellhom jaħarbu minn djarhom aktar minn darba, taħt pressjoni tal-qawwiet tad-difiża Israeljani li qed jattakkaw żoni li huma jqisuhom bejtiet ta' terroristi tal-moviment Ħamas. Sa mill-bidunett tal-gwerra, fis-7 ta' Ottubru 2023, kien hemm reazzjoni ta' tpattija għall-attakki u l-qerda tal-bombi Israeljani mhux biss mill-milizjani tal-Ħamas f'Gaża, imma wkoll minn dawk tal-partit tal-Ħiżbollah fil-Libanu. Mill-ewwel jiem tat-tensjonijiet bdew jiġu sparati missili fuq it-tramuntana tat-territorju Israeljan li hu l-fruntiera mal-Libanu. Israel ma damx ma wieġeb għal din l-aggressjoni billi issa fetaħ attakki ħorox fuq il-fortizzi tal-Ħiżbollah fin-nofsinhar tal-Libanu, fil-belt ta' Beirut u fil-Wied tal-Bekaa fil-lvant tal-Libanu. Imma ma kienx kuntent biss li jattakka dawn iż-żoni, imma saħansitra wkoll żoni oħrajn fejn ma hemmx elementi estremisti tal-Ħiżbollah, u fejn jgħixu l-Insara Maroniti tal-Libanu, l-aktar fit-tramuntana tal-pajjiż.

L-istorja tal-Libanu hi waħda doloruża. Dan il-pajjiż ġojjel, ċkejken fid-daqs (10 elef kilometri kwadri) u b'popolazzjoni ta' madwar 5 miljuni, hu kkaratterizzat minn muntanji jbajdu bil-borra u bil-foresti taċ-ċedri, minn kosta mill-isbaħ fuq il-baħar Mediterran, u minn wirt

arkeoloġiku u storiku imponenti. Mil-Libanu kienu ġew il-Feniċi, li fis-snin 3200 – 539 q.K. kienu jiddominaw il-Mediterran mill-portijiet ta' Tir u Sidon, u kienu famużi bħala negozjanti tal-porpra. Il-belt ta' Byblos tmur lura għal 8 sekli qabel l-era Kristjana.

Bħala pajjiż modern il-Libanu beda jeżisti fl-1941 wara li kiseb l-indipendenza minn Franza. L-iskop tal-formazzjoni ta' dan il-pajjiż żgħir, li jaqsam il-fruntiera tat-tramuntana u tal-lvant mas-Sirja u dik tan-nofsinhar ma' Israel, kien biex hemm isibu kenn l-Insara Maroniti li huma l-Knisja tal-Libanu, u li twieldu madwar il-Muntanja Libanu bir-rit Sirjak fis-seklu 5, bil-ħidma ta' San Maroun, taħt il-ġurisdizzjoni tal-Patrijarka ta' Antjokja, u f'għaqda sħiħa mal-Knisja Kattolika. Minħabba l-persekuzzjonijiet li sofrew u speċjalment minħabba l-gwerer li l-Libanu kellu jsofri f'dawn l-aħħar 70 sena, eluf mill-Insara Maroniti emigraw lejn l-Amerika, il-Brażil, l-Awstralja u Ċipru biex isibu kenn. Illum il-Maroniti fil-Libanu huma madwar miljun u nofs. Il-Patrijarka Kattoliku Maronita ta' Antjokja hu l-Kardinal


*Gaża - Ottubru 2024*

Bechara Boutros al-Rai li jgħix fir-residenza ta' Dimane, taħt is-santwarju tal-Verġni Marija tal-Libanu f'Ħarissa. Il-maġġoranza tal-Kristjani Maroniti tal-Libanu jgħixu fit-tramuntana tal-pajjiż, minn Beirut 'il fuq, għalkemm hemm ukoll komunitajiet żgħar fil-partijiet Musulmani Sunniti u Xi'iti tal-pajjiż.

Fil-fatt il-Libanu hu pajjiż ikkaratterizzat minn dawn it-tliet komunitajiet reliġjużi. Il-maġġoranza huma Musulmani Sunniti, filwaqt li l-Musulmani Xi'iti jinsabu l-aktar fin-nofsinhar tal-pajjiż. Il-Ħiżbollah hu magħmul minn Xi'iti li huma fidili lejn sħabhom il-Musulmani Xi'iti speċjalment fl-Iran, Iraq u Sirja. Il-Kristjani Maroniti huma t-tielet u l-iżgħar komunità. Mill-bidunett il-Libanu nbena fuq sistema ta' gvern demokratiku li jirrappreżenta t-tliet komunitajiet, billi l-President tar-Repubblika hu Kristjan Maronita (imma bla ebda poter politiku imma biss ċerimonjali), il-Prim Ministru hu Musulman Sunnita u l-President tal-Assemblea Nazzjonali hu Xi'ita. Fil-prattika l-partit Xi'ita tal-Ħiżbollah spiċċa gvern għalih u l-gvern nazzjonali ftit għandu kontroll fuq dak kollu li qed jiġri. Il-povru Libanu dejjem spiċċa teatru ta' gwerer bejn estremisti Islamiċi u Israel li jara fihom theddida għall-eżistenza tiegħu.

F'nofs dan it-taħwid kollu l-Libanu hemm fih preżenza tal-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, għax it-territorju tal-Libanu hu parti mill-Kustodja. Aħna l-patrijiet għandna diversi kunventi fil-Libanu. L-eqdem wieħed hu l-kunvent ta' Tir, li jmur lura għall-era Kruċjata fl-1255. Imma qablu kien hemm ukoll kunvent

f'Sidon fl-1253. Iż-żewġ kunventi sfaw meqruda wara l-waqgħa ta' Akri fl-1291, imma l-Franġiskani tal-Kustodja reġgħu lura u llum għadhom iżommu l-kunvent ta' Tir, qrib il-fdalijiet arkeoloġiċi ta' din il-belt famuża. Fuq l-għoljiet tal-Libanu tan-nofsinhar, qrib il-fruntiera ma' Israel, il-Franġiskani tal-Kustodja jmexxu parroċċa fir-raħal ta' Deir Mimas, imma bħalissa n-nies ħarbu minn dan il-post minħabba l-bumbardamenti u l-knisja wkoll sfat milquta mill-bombi. Fil-belt kapitali ta' Beirut il-Kustodja għandha l-kunvent ta' San Ġużepp qrib tal-port. Fil-parti Kristjana tal-Libanu, anzi fil-qalba tal-Kristjaneżimu Maronita tal-Libanu, qrib is-Santwarju tal-Verġni Marija tal-Libanu li tbierek dan il-pajjiż minn fuq il-muntanja bil-foresti li tagħti għal fuq il-baħar Mediterran faċċata ta' Ċipru, il-Franġiskani għandhom il-kunvent ta' S. Antnin ta' Padova, li jservi bħala dar ta' merħba għall-vokazzjonijiet ġodda għall-ħajja Franġiskana li jiġu mis-Sirja u l-Libanu. Fit-tramuntana tal-pajjiż imbagħad il-Kustodja għandha l-knisja u l-parroċċa ta' Tripli, fejn hemm ukoll skola.

Il-karattru Kristjan tal-Libanu hu importanti għall-identità tal-pajjiż. Fil-Libanu hemm preżenza qawwija ta' monaċi Maroniti, l-aktar fis-Santwarju ta' San Charbel fuq il-muntanji tat-tramuntana tal-Libanu. Huma numerużi wkoll diversi familji reliġjużi oħrajn, fosthom il-Franġiskani Kapuċċini, u hemm ukoll monasteru tas-Sorijiet Klarissi. Il-preżenza tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa fil-Libanu hi garanzija ta' appoġġ u għajnuna lill-insara lokali. Hu għalhekk li l-Kustodja tqis il-Libanu bħala parti importanti mill-missjoni tagħha fil-Lvant Nofsani.

F'din is-sitwazzjoni mwiegħra aħna msejħin biex nuru solidarjetà mal-Insara Maroniti tal-Libanu, biex nitolbu ħalli dan il-pajjiż isib il-vera paċi u d-dinjità li jixraqlu biex imexxi lilu nnifsu fis-sliem mingħajr l-indħil inopportun tal-Iran u mingħajr it-theddida kontinwa ta' Israel li fih jara territorju għadu tal-estremisti tal-Ħiżbollah. Il-Kristjani Lebaniżi naqsu ħafna, l-istess kif ġara fl-Art Imqaddsa, minħabba li emigraw biex jeħilsu mill-effetti tal-gwerer. Hu importanti li l-preżenza Kristjana f'dan il-pajjiż tibqa' b'saħħitha. Il-Libanu nħoloq biex ikun *safe haven*, art ta' kenn, għall-Insara fil-Lvant Nofsani. Sfortunatament bħalissa sar art ta' gwerra. Nitolbu l-interċessjoni tal-Verġni Marija tal-Libanu biex tħares lil dan il-pajjiż, li fil-Bibbja hu simbolu tal-ġmiel u l-paċi tal-barka ta' Alla fuq l-Art Imqaddsa.



***Il-Bord Editorjali jawgura Milied Qaddis u s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha***